# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar 2001**

**Numru**

**Konkors ta' Kredituri numru: 2/88 NA**

**Konkors ta' kredituri ta' Anthony Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Arizona Apart Hotel Company Limited u Anthony Borg u Christina Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' A.C. Construction Company Limited u Anthony Borg u b'digriet tat-18 ta' Mejju 1992 stante l-mewt ta' Anthony Borg l-atti gew trasfuzi fil-persuni ta' Anthony Borg u Christina Borg bhala legittimi rapprezentanti tat-tfal minuri taghha Stanley u Maria Borg.**

**Konkors ta' Kredituri - Gradwazzjoni ta' l-istess a tenur ta' l-Artikolu 2092 tal-Kodici Civili.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur li permezz tieghu gew inizjati dawn il-proceduri mil-Mid-Med Bank Limited li esponew bir-rispett:

"Illi fir-Registru ta' dina l-Qorti fl-atti tac-cedola ta' depositu numru 48/82 ipprezentata minn Richard Vincenti Kind, Victor Soler u Leslie Richardson bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' TR Services Limited, jinsavu depositati s-somma ta' hdax-il elf u sbatax-il lira u disgha u sittin centezmu u seba' millezmi (Lm11,017.69,7) sabiex din is-somma tigi moghtija lil min ghandu dritt ghaliha skond il-ligi.

Illi b'rikors sussegwenti r-rikorrent talab l-izbank ta' l-imsemmija somma depositata lilu dovuta permezz ta' zewg sentenzi u cioe' tal-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Ottubru 1984 (106/84JH) fejn ir-rikorrent gie kanonizzat kreditur fis-somma ta' disgha w erbghin elf u tmien mija u tnejn u erbghin lira u hamsa w erbghin centezmu u hames millezmi (Lm49,842.45,5) sorte, disa' mija u tlett liri u tmienja w erbghin centezmu u sitt millezmi (Lm903.48,6) spejjes oltre l-imghax tat-8% fil-mija s-sena mit-22 ta' Settembru 1983 sad-data tal-pagament effettiv; u permezz ta' sentenza ohra tal-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Dicembru 1984 (107/84JH) fejn ir-rikorrent gie kanonizzat kreditur fis-somma ta' tnejn u tletin elf u hmistax-il lira u sitta u tletin centezmu (Lm32,015.36,0) sorte, sitt mija u tmienja w erbghin lira u tmienja u sittin centezmu u tlett millezmi (Lm648.68,3) spejjes oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija mit-22 ta' Settembru 1983 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi fuq 'il fuq imsemmi depozitu kkonkorrew kredituri ohra u ghalhekk il-Qorti baqghet ma ordnatx l-izbank mitlub.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghat-tenur ta' l-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tordna l-ftuh ta' konkors ta' kredituri fuq l-istess, u l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-istess, bi l-abbrevjazzjoni tat-termini ghat-tenur tas-sub-artikolu 416 (3) ta' l-istess Kapitolu stante n-natura kummercjali ta' l-istess zbank."

Il-process kien mitluf fis-seduta tat-30 ta' April 1990 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u wara diversi differimenti li fihom kellu jigi rintraccjat jew rikostruwit il-kawza giet differita Sine Die fis-seduta tat-30 ta' April 1991.

Il-process gie rikostruwit u l-kawza riappuntata ghas-seduta tat-18 ta' Mejju 1992 f'liema seduta din il-Qorti, wkoll kif diversament presjeduta, appuntat lill-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala Perit Legali. Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, fil-11 t'a Marzu 1996 u l-Qorti wara li giet infurmata li l-Perit Legali xtaq ikun ezonorat mill-inkarigu tieghu, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1997 issostitwietu bl-Avukat Dottoressa Fiorella De Marco. Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1998 u mahluf f'dik tas-17 ta' Frar 1999 u l-kawza differita ghall-ezami tar-rapport ghall-4 ta' Gunju 1999. F'din is-seduta deher id-

difensur tal-Bank rikorrenti u gie verbalizzat: "*Lil Bank rikorrent kien hallas is-savju u fadal biss li jithallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri nkluzi l-ispejjez tar-rapport peritali li gew imhallsa mill-istess Bank, li skond il-Perit Legali huwa pre-gradwat.*" Il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Il-Qorti rat ukoll il-Libelli li kienu gew ipprezentati wara li kienu hargu l-avvizi skond il-ligi u dan peress illi fuq is-somma depozitata kienu kkonkorrew diversi kredituri u ghalhekk ai terminu ta' l-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kien gie ordnat il-ftuh ta' Konkors ta' Kredituri fuq id-depozitu msemmi fir-rikors promotur.

Ikkunsidrat:-

Illi nonostante l-verbal fuq imsemmi l-Qorti trid ta' bilfors tezamina jekk huwiex minnu li l-Bank rikorrent huwa pregradwat f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali ezaminat akkuratament il-Libelli tal-kredituri w id-dokumenti annessi maghhom in sostenn tal-pretensjonijiet ta' l-istess libellanti u l-atti kollha tal-Konkors. Ezaminat ukoll il-provvedimenti relattivi tal-Kodici Civili fir-rigward` tal-gradwazzjoni partikolarament l-

Artikolu 2092 ta' l-istess Kodici Civili (u mhux l-Artikolu 2097 imsemmi minnha, ovvjament bi zball) u waslet ghal din il-konkluzzjoni.

"*Illi peress illi l-ammont depozitat ta' hdax-il elf u sbatax-il lira Maltin, disgha u sittin centezimu u seba' millezmi (Lm11,017.69c7) ikopri biss parti mill-krediti fuq imsemmija b'dan illi jigi sotratt l-ammont imsemmi:*

*(1) Ir-Registratur tal-Qorti ghall-ispejjes u dritt tar-Registru ta' dan il-Konkors kif ukoll il-Perit Legali ghad-drittijiet ta' din ir-relazzjoni l-bilanc ghandu jinghata lill-kreditur;*

*(2) L-Avukat Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited bhala hlas in parte ta' l-ammont lilu dovut.*"

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tikkondividi din l-opinjoni tal-Perit Legali u ftit li xejn tista' utilment izzid xi haga maghha peress ukoll li jirrizulta li d-debitu ipotekarju tal-Bank rikorrenti gie registrat qabel id-debiti ipotekarji l-ohra u ghalhekk a bazi ta' l-Artikolu 2092 tal-Kodici Civili dan id-debitu huma pregradwat.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tiddeciedi l-konkors u tordna li l-flus depozitati ghandhom jithallsu b'din il-gradwazzjoni:

1. lir-Registratur tal-Qorti ghall-ispejjes u dritt tar-Registru ta' dan il-Konkors;

2. lill-Avukat Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-H.S.B.C. p.l.c. ghall-ispejjes tal-Perit Legali. [1]~~u bhala hlas in parte ta' l-ammont lilu dovut.~~

3. [2]lil Auto Sales Ltd. bhala hlas in parte ta' l-ammont lilu dovut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.

---

1 Disa' (9) kelmiet imhassra b'digriet tal-20 ta' Frar, 2001.

2 Zieda awtorizzata b'digriet tal-20 ta' Frar, 2001.